KLR 39/VI/2012

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 4 ta’ Settembru 2012 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri, Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- Il-Kunsillier Josef Schembri.

Wara t-talba ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

1. **Mill-Minuti**

1.1 Billi Pjazza San Ġorġ hi żona pedonali u xorta qed jidħlu ħafna vetturi li mhux suppost jidħlu, il-membri qablu li l-gwardjani lokali għandhom jissorveljaw aktar ta’ spiss din il-pjazza u anke’ l-*area* ta’ Pjazzetta Patri Akkursju Xerri.

1.2 Dwar id-dawl ta’ Pjazza Indipendenza il-membri ġew mgħarrfa li qed isiru disskussjonijiet minn Galea Curmi Eng. mal-Enemalta biex dan jixgħel mad-dawl tat-toroq kif isir f’kull pjazza oħra f’Malta u Għawdex. Il-Kunsill għandu wkoll jissuġġerixxi li d-dawl eżistenti jitranġa u jitniżżel l-isfel mill-friegħi tas-siġar.

2. ***Victoria Playing Field***

2.1 Billi s’issa għadu ma sar ebda’ appell dwar l-ewwel offerta tal-*playing field*, il-membri qablu li jitmexxa l-proċess u l-offerta tingħata lill-Patrick u Domnic Refalo.

2.2 It-tieni offerta li tirrigwardja d-dawl tal-*playing field*, tinsab fil-porċess ta’ aġudikazzjoni.

2.3 Dwar ir-rapport li sar mill-MEPA fuq siġra taċ-ċipress u oħra tal-għargħar, il-membri ġew mgħarrfa li billi x-xogħol ma sarx minn naħħa tad-Dipartiment tal-Agrikultura, il-Kunsill għandu jqabbad ħaddiema privati. Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-membri li għamlet diversi *reminders* lid-Dipartiment tal-Agrikultura pero’ x-xogħol baqa’ ma sarx.

3. ***ERDF 249: Setting of an Integral, Archaelological and Historical Tail in Victoria***

Dwar dan il-proġett saret laqgħa bejn is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv u żewġ persuni oħra mill-PPCD. Waqt din il-laqgħa saru xi tibdiliet żgħar fl-applikazzjoni oriġinali. Din għandha tiġi sottomessa sat-8 ta'Settembru 2012. Wara toħroġ l-ittra tal-*Grant Agreement*. Il-Kunsill qed jaħdem fuq il-ħruġ tal-offerti tal-*Contracts Manager* u tal-Perit għal dan il-proġett.

4. **Żjara f'Nichelino Torino – Parteċipazzjoni *'Fiera di San Matteo Piazza dei Sapori'***

Id-dettalji ta' din il-materja jinsabu fil-minuti preċedenti. Fil-fiera ser jipparteċipaw 'Ta; Mena Agri', iż-żewġ gruppi folkloristiċi Rabtin u tmin sprotivi Rabtin li se jieħdu sehem fil-maratona organiżżata mill-Comune di Nichelino.

5. **Delegazzjoni Kunsill ta' Goro – Ġemellaġġ**

Il-Kunsill isottomestta l-applikazzjoni għall-fondi tal-*Europe For Citizens Actions: 1 (Measure 1and 2), 2 (Measure 3) and 4.* Din ġiet aċċettata u ġew ivvutati €7,000 mill-EACEA. Dawn il-fondi se jintużaw meta jkun hawn id-delegazzjoni minn Goro bejn l-4 u s-7 ta' Ottubru 2012.

6. **Toroq taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership (PPP)***

Il-membri ġew infurmati li nbeda x-xogħol fit-toroq Wied is-Seqer u Sagħtar u saru diversi laqgħat fuq il-post mis-Sindku, l-Perit, il-kuntratturi u l-Inġiniera tal-Waste Water fi ħdan il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Qed tiġi solvuta l-problema li nqalet minħabba s-sistema tad-dranaġġ u sadanittant kull dar residenzjali qed ikollha servizz temporanju kemm tal-ilma u anke' tad-dranaġġ.

7. ***Landscape Action Measure 413.4 ; Quality of Life***

Is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet sottomessa l-applikazzjonili tkopri proġett ta' tisbieħ fil-Wied tal-lunzjata.

8. **Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

8.1 Transport Malta (TM) rigward:-

il-ħruġ ta' permess għall-
8.1.1 *one metre double yellow lines* biswit garaxx numru 6 fi Triq Sir Arturo Mercieca;
8.1.2 *un/loading* quddiem Bogi Auto Parts fi Pjazza J. F. Kennedy;
8.1.3 *double yellow lines* biswit il-garaxx ta' Warren Grech fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II;

ma nħariġx il-peremess sabiex:-
8.1.4 issir *zebra crossing* fi Triq Enriko Mizzi;

8.1.5 isir parkeġġ riservat għal-persuni b'diżabilita' quddiem Anthony Vella ta' 'Salton', Triq Ġuże' Labre';

8.1.6 l-informazzjoni li talab il-Kunsill fejn staqsa jekk huwiex permess mit-TM sabiex jiġu riservati parkeġġi għar-residenzi biss. Ir-risposta kienet negattiva. Il-membri qablu li r-residenti ta'Triq Repubblika għandhom jiġu nfurmati b'dan;
8.1.7 il-ħruġ ta' permess għat-toroq ġodda biex jiġu nklużi fl-iskema tal-parkeġġ ikkontrollat, il-Kunsill ġie mgħarraf li saret sistema ġdida fejn trid tintbagħat formola li fiha jkun hemm dettalji dwar kull triq partikolari. Il-membri qablu li l-Kunsill jitlob il-koperazzjoni tat-TM f'Għawdex rigward dawn id-dettalji;
8.1.8 talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżablita' quddiem Joseph Farruġia ta' 77, Triq Sant' Orsola. Għandha tintbagħat il-formola mimlija;

8.2 il-Mepa dwar:-
8.2.1 iż-żbir tas-siġar li sar fi Pjazza Indipendenza fi Frar 2012 fejn intalab li l-Kunsill iħallas multa ta' €4,900 minħabba li ntmessew dawn is-siġar. Il-Kunsill se joġġezzjona peress li x-xogħol ta' żbir ma sarx mill-Kunsill;
8.2.2 il-ħruġ tal-permess sabiex issir rampa għall-aċċees aħjar fil-Bażilika ta' San Ġorġ għall-persuni b'diżabilita';

8.3 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li għaddewlu s-€7,000 li jkopru l-fondi approvati mill-iskema għall-attivitajiet kulturali fuq il-Victoria International Arts Festival 2012;

8.4 Dolindo Cassar fejn issuġġerixxa li l-*litter bin* li hemm quddiem l-iskola primarja ta' Triq Vajrinġa jitressaq ftit l' hemm mill-bank. Il-membri ma qablux li dan hu suġġeriment prattiku peress li jekk jitressaq jiġi qrib l-entratura tal-ġenb tal-iskola;

8.5 Vincent Azzopardi, mill-ETC fuq l-Employment Schemes rigward Christian Attard. Dan ta spjega tal-iskema li fiha qed jipparteċipa s-Sur Attard, l-istess skema li l-fiha qed jipparteċipaw ħames ħaddiema oħra mal-Kunsill tar-Rabat. Vincent Azzopardi stess ikkonkluda fl-ittra tiegħu li meta ħaddiem jipprovdi ċertifikat mediku mhux tajjeb għax-xogħol.

8.6 ir-Racing Pigeon Society li ssuġġerew li l-Kunsill jikkunsidra li jinbeda proċess fejn il-piċċ tal-boċċi f'taċ-Ċawla jiġi trasfert lil din is-soċjeta' u l-Kunisll jieħu f'idejh il-post li għandhom fil-preżent fi Triq Enriko Mizzi. Il-membri qablu li jinbeda dan il-proċess u l-Kunsill jevalwa jekk ikunx jaqbillu li jsir dan it-trasferiment. Il-membri qablu li l-garaxx li għandu jinbena taħt il-piċċ tal-boċċi jibqa' f'idejn il-Kunsill;

8.7 is-Segretarjat għall-Anzjani rigward il-Premju Anzjan tas-Sena 2012;

8.8 il-*Public Review Board* fi ħdan id-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-membri ġew infurmati li sar appell mill-Koperattiva Ndafa Pubblika (Għawdex) rigward l-offerta tal-ġbir tal-iskart organiku;

8.9 Johann Said li talab permess sabiex isir ċirklu fil-grawnd Leli Farruġai bejn is-6 u d-9 ta' Diċembru 2012. Ma l-ittra ntbagħat ukoll ftehim li sar mat-tlett klabbs tal-futbol tar-Rabat. Il-membri qablu li jinħareġ il-permess;
8.10 il-Kumitat Monument Nazzjonali Papa Ġwanni Pawlu II fejn intalbet għajunna finanzjarja sabiex isiru arbli tal-i*stainless steel* quddiem dan il-monument. Il-Kunsill ma jistax jaċċetta din it-talba peress li jmur kontra r-regolamenti tal-Kunsill;

8.11 Joe Grima li hu wieħed mill-kuntratturi tal-Kunsill. Wara d-diżgwid li nqala' meta l-Kunsill iddeċieda li jnaddaf il-garaxx sabiex ipoggi l-istokk tal-kotba, s-Sur Grima bagħat *email* fejn barra diversi akkużi oħra qal li ta ċans biżżejjed sabiex isiru l-ħlasijiet dovuti lilu u jekk dawn ma jsirux fi żmien ħmistax oħra hu ser jirrapporta lid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Ta'min jinnota li l-kontijiet kollha pendenti li jkollu l-Kunsill, u mhux tas-Sur Grima biss, ikunu mniżżla fil-kotba, jiġifieri jkunu pubbliċi. Il-membri qablu li jiġi approvt li jsir pagament lis-Sur Grima fuq il-bankini li saru mill-Kunsill preċendenti fi Triq Sir Luiġi Camilleri. Dawn ġew jiswew €4,940.26 u ċċertifikati mill-Perit Scerri f'Awwissu 2011.

## 9. Materji Oħra

Il-membri qablu li:-

9,1 jintalab il-permess tat-TM sabiex fi Triq l-Universitas jeħlu tabelli li jindikaw li ma jistax isir parkeġġ ta' vetturi tqal;

9.2 l-Kunsill jgħin fil-loġistika taż-żewġ opri li jiru fir-Rabat f'Ottubru li ġej;

9.3 l-*hanger* li jiddendel l-iskart domestiku miegħu biswit Blokk IA f'Taċ-Ċawla H. E. jerġa' jeħel taħt il-ħajt tas-sejjieħ fejn ma jtellef lil ħadd;

9.4 jitranġa l-wiċċ ta' Triq San Ġorġ fejn instabet problema fil-kanni tad-dranaġġ. Is-sezzjoni tal-Waste Water fi ħdan il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ser tirranġa s-sistema ta' taħt l-art u l-Kunsill ser jerġa jirranġa l-wiċċ tat-triq bil-porfido;

9.5 tintbgħat korrispondenza lill-Ministeru għal Għawdex fejn jiġi suġġerit biex il-parti li għadha mħarbta fi Triq iċ-Ċangar tinkesa bl-ewwel kisja tarmak;

9.6 sakemm tirtanġa s-sistema tad-dawl fil-*playing field* taċ-Ċawla H. E. isiru *floodlights* provisorji. Għandu jitneħħa l-periklu li hemm fid-dawl li jixgħel din il-*playing field*;

9.7 ma jitneħħewx parkeġġi minn Triq Vajrinġa. Dan minħabba li kien hemm suġġeriment li jitneħħa l-ewwel parkeġġ tan-naħħa ta' Triq Sir Arturo Mercieca ta' quddiem l-iskola primarja minħabba li sar xi inċident tat-traffiku fejn vettura daħlet ġo ħanut.

9.10 Rigward l-artiklu ta' Anton F. Attard, - 'L-Istorja Infeliċi tal-fundatur tal-Banda La Stella Vincitrice', li deher fuq il-ktieb tal-festa – Festa Santa Marija 2012, ħarġa numru 33 u fuq artiklu ieħor li deher fil-ktieb tal-programm tat-tiġrijiet tal-bhejjem tal-festa ta' din is-sena, il-membri unanimament qablu li jittieħdu l-pariri legali neċessarji rigward il-persuni nvoluti kemm bħala

awtur, kemm bħala bord editorjali u kemm bħala soċjeta' , rigward il-pubblikazzjoni ta' dawn l-artikli. Dan minħabba li nkitbu kummenti dispreġjattivi fuq il-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fis-19.45 u laqgħa oħra ser issir

Av.Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Seg. Eekuttiv